# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 236/2015/LSO**

**Il-Prim Imhallef Emeritu il-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici, karta ta' identita` numru 258332M u martu Maria Mifsud Bonnici, karta ta' identita` numru 523436M**

**vs**

**Paul Abdilla, karta ta' identita` numru 358460M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici, karta ta' identita` numru 258332M datat 13 ta' Marzu 2015 fejn espona: -

Illi huwa ghandu b'cens temporanju rinovabbli l-kostruzzjoni konsistenti f'arkata, erba' alkovi, zewgt ikmamar u kostruzzjonijiet ohra flimkien ma' bicca art kontigwa tal-kejl ta' cirka erbgha u sebghin qasab kwadri, fi Triq li mill-Gudja tmur ghal Hal Luqa f' Bir Miftuh, limiti tal-Gudja, maghrufa bhala Tas-Salib, kif jidher mill-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 18 ta' Dicembru 1972 - Dok GMB 1;

Illi xi zmien ilu gie ghandu Ganni Abdilla, missier il-konvenut, u talbu sabiex jidhol f' din l-art, ghad-delizzju;

Illi r-rikorrent ikkonceda din it-talba b'tolleranza u bil-promessa tal-istess Ganni Abdilla li malli jigi mitlub, jitlaq l' barra mill-art;

Illi meta miet Ganni Abdilla, ipprezenta ruhu d-dar tar-rikorrent, Paolo Abdilla l-konvenut, iben l-istess Ganni, u talab li jkompli bhal missieru;

Dan gie koncess b'tolleranza assoluta u bil-weghda imgedda li kien ghamel missieru li fuq semplici talba jitlaq mill-art;

Issa l-konvenut gie mitlub li jitlaq mill-art u billi meta gie mistoqsi min ghamel l-elettriku fil-kamra li hemm fuq l-art, liema elettriku gie installat ad insaputa tar-rikorrent, meta qal li dak l-elettriku dahhlu hu, gie mitlub biex a) jnehhi l-komunikazzjoni li ghamel tad-dawl; b) jitlaq l-art; u c) jikkonsenja c-cavetta tar-rixtellu li huwa kien ghamel fuq l-art; ,

Peress illi wara li saritlu din it-talba verbali, u gie nterpellat ukoll permess ta' protest numru 85/2015 - Dok GMB2 - l-konvenut baqa' inadempjenti u qed jirrifjuta li jaghmel dak li intalab minnu;

Illi dan l-agir abbuziv u illegali tal-konvenut se jikkawza danni gravi lir-rikorrent ghaliex issa ghandu l-bejgh tal-fond u l-agir tal-konvenut qed jimpedixxi dan il-bejgh;

Illi l-konvenut m'ghandu l' ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skont l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi dan l-kaz bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. Tordna lill-konvenut jitlaq 'l barra mill-art u jnehhi l-komunikazzjoni tad-dawl li ghamel abbuzivament f'kamra li

qieghda fil-bicca art f' Bir Miftuh, limiti tal-Gudja, maghrufa bhala Tas-Salib fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss ghal dan l-iskop minn din il-Onorabbili Qorti skont il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dak tal-protest numru 85/2015 tal-24 ta' Frar 2015 kontra l-konvenut li huwa ngunt issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lir-rikorrenti skont il-ligi fil-konfront tal-intimat ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni illegali tal-istess fond, mid-data li ntalab li jitlaq sal-effettiv rilaxx.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-ghas-seduta tal-14 ta' April 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paul Abdilla, karta ta' identita` numru 358460M datata 23 ta' April 2015 (fol 30) fejn espona: -

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur irid jipprova l-interess guridiku tieghu billi jipprova li huwa s-sid tal-proprjeta` kollha mertu ta' din il-kawza;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-infondatezza tat-talbiet attrici u dan *stante* li l-kamra li qed jghid l-attur li l-esponenti qieghed jokkupa bla titolu, hija parti minn raba' li ghal generazzjonijiet shah ilu jitgawda b'titolu ta' qbiela minghand il-Kurja u mbaghad minghand l-Ufficcju Kongunt, u dan sal-gurnata tal-lum. Il-qbiela kienet ghaddiet fuq l-esponenti u huh Loreto Abdilla u din il-qbiela ghadha titthallas sal-lum il-gurnata;

3. Illi fil-mertu, *in ogni* kaz, ma jezistux l-elementi ikkontemplati fil-ligi u fil-gurisprudenza sabiex tirnexxi azzjoni ghal zgumbrament hekk kif proposta mill-attur;

Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-vebali tas-seduti kollha kif mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016 meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Xehed in kontro-ezami u bil-gurament tieghu l-Imhallef Emeritus Profs. Giuseppe Mifsud Bonnici, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema elettronika. Dr Anna Mifsud Bonnici iddikjarat li mhix ser taghmel mistoqsijiet in kontro-ezami lill-konvenut u lil huh Loreto Abdilla. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti awtorizzat lill-istess sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, jibdew l-atturi, li ghandhom sat-30 ta' Jannar 2016 biex jaghmlu n-nota taghhom, u l-konvenut ghandu jipprezenta n-nota risponsiva tieghu fi zmien sittax (16)-il jum min-notifika. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tigi differita ghas-sentenza minn dan il-verbal stess. Il-Qorti halliet l-kawza ghall-25 ta' Frar 2016 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ikkonsidrat li l-azzjoni odjerna hija wahda ta’ zgumbrament *stante* allegat okkupazzjoni bla titlu tal-intimat. Permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrent qed jitob l-izgumbrament tal-intimat mill-art u mill-kmamar u kostruzzjoni li qeghdin fil-bicca art f’Bir Miftuh Limiti tal-Gudja, maghrufa bhala Tas-Salib. Intalab ukoll, li l-intimat inehhi l-komunikazzjoni tad-dawl fil-kamra li qeghedha f'din l-art.

L-intimat eccepixxa preliminarjament li r-rikorrent irid jipprova l-interess guridiku tieghu billi jipprova li hu sid tal-proprjeta` mertu ta’ dan il-kaz. Fit-tieni lok, l-intimat qed jivvanta titlu ta’ qbiela.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li r-rikorrenti akkwista b'titolu ta' enfitewsi temporanja mill-Prebenda *Vagna* tal-Kattidral ta' Malta l-kostruzzjoni konsistenti f'arkata, erba’ alkovi, zewgt ikmamar u kostruzzjonijiet ohra minghajr numru, flimkien ma’ bicca art kontigwa tal-kejl b'kollox ta' circa erbgha u sebghin qasab kwadri (74 q.k.), liema kostruzzjoni tinsab fi triq li mill-Gudja tmur ghal Hal Luqa, f’Bir Miftuh, Limiti tal-Gudja, u dan in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 18 ta’ Dicembru 1972, Dok GMB 1 (fol 6-8).

Illi l-kontestazzjoni hija dwar it-titlu tal-intimat billi skont l-atturi, missier l-intimat Ganni Abdilla kien gie mholli juza din l-art b'mera tolleranza, liema patt u kondizzjoni saret l-istess lill-intimat, filwaqt li Paul Abdilla jghid li qed jokkupa l-art b'titolu ta' qbiela.

Inoltre jirrizulta li gie nstallat l-elettriku fil-kamra fuq l-art mertu tal-vertenza odjerna.

**Xhieda Rilevanti:**

**Il-Prim Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici** xehed (fol 20-24)[1] fejn qal li hu akkwista l-art in kwistjoni minghand il-Kurja fl-1971, u hemm aktar minn kamra wahda fl-ghalqa tieghu. Semma li missier l-intimat kien saqsih biex juza l-ghalqa in kwistjoni u b'mera tolleranza hallih jaghmel dan. Ma kienx hemm skrittura u l-ftehim kien b'irgulija. Hu ma kienx jaf li gie stallat id-dawl. Qal li meta Ganni Abdilla miet, ibnu Paul Abdilla talbu li jkompli jaghmel uzu minnha hu u hu hallieh. Izda, meta pprova jbiegh l-ghalqa, intqal lilu li kien hemm id-dawl fil-kamra minghajr ad insaputa tieghu. Qal li ma jafx li l-intimat ghandu xi art f'dik l-inhawi..

Qal ukoll li l-access mill-kamra hija ghall-ghalqa tieghu.

In **kontro-ezami** qal li fuq l-art tieghu hemm kmamar ohrajn msemmija fil-kuntratt. Mistoqsi jaghrafx a fol 90 jekk il-kamra ghandhiex bieb fuq l-art tieghu qal li ma jafx. Riferut ghal dak ikkwotat mill-kuntratt a fol 96, fejn jissemmew il-'contadini' qal li jaf min kienu l-'contadini' dak iz-zmien u semmih bhala certu Schembri minn Hal Luqa. Semma' li kienet intbaghtitilhom ittra minn Dr. Herbert Ganado biex ikollu l-liberta' tal-post. Spjega li meta mar jitolbu missier l-intimat biex juza l-post, ma kien hemm l-ebda ftehim, kien ftehim verbali ta' tolleranza. Dwar ir-

[1] Seduta tal-14 ta' April 2015

rixtellu qal li kienu tawh anke c-cavetta tieghu peress li hu s-sid. Qal li meta xtara l-art hadd ma semmielu li kien hemm xi hadd bl-isem Abdilla bi qbiela hemmhekk. Hu indika l-pjanta a fol 60 esebita minn Osterius Aquilina, li turi ezatt id-delinjazzjonijiet ta' Abdilla.

**Paul Abdilla** xehed (fol 25-29)[2] fejn qal li hu ghandu ghalqa mqabbla hemm ukoll, u mistoqsi jekk il-kamra in kwistjoni f'liema art tinsab, qal li l-kamra taghmel mar-raba tieghu. Qal ukoll li l-pretensjoni tieghu hija fir-rigward tal-kamra fejn hemm il-meter tad-dawl u mhux fuq l-istrutturi l-ohra. Semma li din il-kamra kienet ghand missieru u huma kienu jhallsu l-Joint Office. Qal li din il-kamra tidhol ghaliha mill-ghalqa taghhom li fuqha jhallsu qbiela lill-Joint Office. Qal li l-kamra qeghda fil-kantuniera u tinsab fl-ghalqa taghhom. Meta gie ripetutament mistoqsi biex ighid il-kamra f'liema parti qeghda jekk hux fil-parti tar-rikorrenti jew fil-parti taghhom, qal li jista' ighidu dan min-naha tal-Joint Office. Qal li huma jhallsu qbiela fuq ir-raba'.

Xehed ulterjorment b'affidavit (fol 85) fejn esebixxa *aerial photo* u pjanta mhejjija mill-Perit tieghu peress li kellhom jipprezentaw din il-pjanta ghall-iskema li kienet harget mill-ufficju Kongunt biex jirrikonoxxu lil min qed jahdem ir-raba'. Semma wkoll li snin ilu kien applika mal-Enemalta ghall-provvista tad-dawl f'din il-kamra. Huwa sostna li hu jhallas il-qbiela lill-Ufficju kongunt, anke fuq din il-kamra, u sahaq li missieru qatt ma wieghed lill-Profs. Mifsud Bonnici li kien ser johrog mill-kamra in kwistjoni.

[2] Seduta tal-14 ta' April 2015

**Osterius Aquilina** in rapprezentanza tal-Government Property Directorate xehed (fol 55-58), u (66-70)[3] u qal li l-proprjeta` giet ghandhom minghand il-Kurja Arciveskovili ta' Malta b'isem ta' Giovanni u Antonia Abdilla. Ipprezenta Dok OA1 (fol 41) li hi l-pjanta li gie mistoqsi fuqha. Il-konjugi Abdilla kienu cedew l-proprjeta' lit-tfal taghhom l-intimat Pawlu Abdilla u huh Loreto Abdilla. Izda meta referut ghall-pjanta esebita mal-koncessjoni enfitewtika a fol 54 qal li mhix l-istess art.

Meta rega' xehed ulterjorment, pprezenta **Dok X1** (fol 60) li turi l-unika porzjoni (immarkati bl-ittri "A" u "B") li jirrigwardaw lil Paul Abdilla. Fuq dawn il-porzjonijiet immarkati bhala file 1700/97 kien ihallas il-qbiela Giovanni Adilla. Dwar il-kamra in kwistjoni li gie mistoqsi dwarha, hu kkonferma li hija barra l-proprjeta` tas-Sur Abdilla u li dwarha "*ghad irid jigi verifikat min-naha tal-Kurja."*

Dwar il-porzjoni arti immarkata bl-ittra B, id-difensur tal-intimat iddikjara li m'ghandux pretensjoni fuq din il-porzjon art.[4]

**Loreto Abdilla** xehed b'affidavit (fol 91) li kkonferma l-affidavit ta' huh Paul Abdilla.

**Eric Montfort** in rapprezentanza tal-Enemalta xehed (fol 102-104)[5] u esebixxa Dok EM1 (fol 82-83), u mit-taghrif tad-dipartiment qal li l-applikazzjoni tal-*meter* tal-elettriku

---

[3] Seduta tal-11 ta' Gunju 2015 u tat-23 ta' Gunju 2015.
[4] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2015.
[5] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2015

tal-kamra 'agri-room' fi Triq Luqa, Gudja, tghajjat lil Loreto Abdilla.

**Raymond Bonnici**, Property Manager tal-Kurja, xehed u spjega li hu rapprezentant ukoll tal-*Control Committee* tal-Kurja, Kumitat imwaqqaf taht it-trattat u l-ligi tal-1991 bejn is-Santa Sede u l-Gvern. Hu esebixxa kopja tal-pjanti tal-Land Registry (fol 80 u 81) fejn qal li dik hi pjanta li huma jkunu baghtu lill-Joint Office, u meta zewg bicciet art ma jkunux imissu ma' xulxin iridu jsiru f'zewg pjanti seperati kif sar hawn.

**Marisa Cassar** in rapprezentanza tal-Enemalta xehdet (fol 142-143)[6] u esebiet sett ta' dokumenti bhala Dok Enemalta 1, u spjegat li l-Enemalta ma kinitx tidhol fil-kwistjoni tat-titlu biex tinghata l-provvista tal-elettriku, kull ma kien jintalab 'extra deposit'.

**Reuben Bonnici** rapprezentant tal-ARMS Ltd. (fol 139-141)[7] xehed li dak iz-zmien li saret l-applikazzjoni odjerna ghad-dawl kienet saret mal-Enemalta ghax dak iz-zmien kienu ghadhom jilqghu l-applikazzjonijiet minn hemmhekk, u ma sabx anness 'compliance certificate', 'building permit' jew 'siteplan' tal-kamra in kwistjoni.

**<u>L-ewwel eccezzjoni:</u>**

**Illi l-attur irid jipprova l-interess guridiku tieghu billi jipprova li hu s-sid tal-proprjeta` kollha mertu ta' din il-kawza.**

[6] Seduta tad-9 ta' Dicembru 2015
[7] Seduta tad-9 ta' Dicembru 2015

Il-kuncett tal-interess guridiku hu mibni fuq l-utilita` finali tal-azzjoni ghal min qed jiproponi l-azzjoni.

Fil-kaz **"Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana",** deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-3 ta' Dicembru 1984, gie ritenut, li l-interess huwa l-mizura tal-azzjoni u huwa rekwizit indispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' gurisdizzjoni kontenzjuza."[8]

Illi kif intqal fis-sentenza **"J. Muscat et vs R. Buttigieg et",** (27 ta' Marzu 1990- vol LXXIV.iii.481):

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda irid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzoni popolari; c)attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Gie ritenut ukoll izda li minbarra dawn l-elementi, biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun *"konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir*."[9]

---

[8] Ara wkoll **"Agatha Formosa Gauci vs Dr. Francis Lanfranco"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003.

[9] Ara perezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Tonna vs Vincent Grixti"** (Kollezz. Vol. LXXVI.iii.592) li jiccita **Brockdorff vs Pace Balzan – Vol. XVII.piii.p.15**

Illi l-interess irid ikun guridiku, bbazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. Illi gie spjebat hekk:

*"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto*."(**Mattiriolo** Vol.I pag 50; **Mortara** Vol II p.588)[10]

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti, tenut kont li pprova t-titlu fuq il-kamra in kwistjoni, indubjament ghandhom interess guridiku biex iressqu il-kaz in ezami mmirat ghall-izgumbrament u ghat-tnehhija tal-komunikazzjoni tad-dawl mill-kamra mertu tal-kaz. Illi mill-aprezzament tal-provi prodotti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-atturi ghandhom nteress, dirett, konkret u attwali fil-konfront tal-intimat li kontra tieghu gie pprezentat dan il-kaz.

Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Fil-Mertu</u>**

**<u>Kunsiderazzjonijiet ghall-fattispecie tal-kaz in ezami:</u>**

[10] Ara "**Laferla Insurance Agency vs Brian Mallia",** P.A. deciza fit-18 ta' Jannar 2006

Illi jirrizulta li l-kamra li tezisti fuq l-art tar-rikorrent kienet diga hemm miz-zmien meta missier l-intimat Ganni Abdilla, kien talab il-permess li juzaha ghad-delizzju tieghu, hekk kif gie kkonfermat mir-rikorrent fix-xhieda tieghu.

In effett, l-kuntratt tal-koncessjoni enfitewtika favur ir-rikorrenti tippreciza li hemm diversi kostruzzjonijiet fuq l-art inkluzi zewgt ikmamar.

Ir-rikorrent xehed li kien halla lill-missier l-intimat, Ganni Abdilla, jidhol fl-art tieghu b'mera tolleranza, u, wara li miet, halla lil ibnu, l-istess intimat, jidhol fl-art tieghu bl-istess kondizzjoni.

Illi l-**Artikolu 526 tal-Kodici Civili** jiddisponi:

"…*dawk l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jiswewx ta' bazi ghall-ksib tal-pussess."*

Illi fis-sentenza **"Pace vs Cilia",** P.A. 26 ta' Gunju 1965, inghad illi "*li l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess. Il-legislatur kien qieghed deliberatament jirreferi ghal kwalunkwe pussess u mhux ghal pussess legittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joholqux il-pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti tieghu ghall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868) kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche` secondo la mia definizione questi atti non danno*

*luogo ad alcun possesso propriamente ditto*."[11]Tant hu hekk li "*Atti ta` mera tolleranza ma jistghux jiswew bhala bazi ta` pussess lanqas jekk jigu ezercitati minn zmien antikissimu u immemorabbli* ("**Fenech et vs Salomone et"**, Appell Civili, 1 ta` Frar 1971).

Fil-kaz **"Fenech et vs Salomone et",** Appell Civili, tal-1 ta' Frar 197, gie ritenut:

"*Atti ta' mera tolleranza ma jistghux jiswew bhala bazi ta' pussess."*

Illi kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet "**Paolina Stagno pro et noe vs Carmelo Bugeja et"**, (Appell Civili Inferjuri deciza fis-6 ta' Ottubru 2004):

*"It-tgawdija ta' fond b'titolu ta' mera tolleranza ma tattribwixxi l-ebda drittijiet mhux biss ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita` tal-adempiment izda, ukoll, skont l-insenjament ta'* **Laurent***: "colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo` ritirare dan un istante all'altro".*(Diritto Civile, Vol.XXXII, para.297).

L-intimat, da parti tieghu, jakkampa fuq dritt pretiz ta' qbiela. Gjaladarba qed jallega dan it-titlu, jinkombi lilu biex jressaq il-prova. Ma hemmx dubbju li hu ghandu art imqabbli ghandu mill-Gvern . Dan johrog car mix-xhieda ta'

---

[11] Ara **"Victor Caruana vs Jonah Caruana et",** P.A., 897/10 (JA) deciza fl-10 ta' Lulju 2013

Osterius Aquilina. Izda l-kwistjoni kollha hija jekk il-kamra hijiex parti minn din l-art.

Wara li gharblet il-provi, din il-Qorti hija soddisfatta li l-intimat ma irnexxielux jipprova li l-kamra in kwistjoni hija parti mill-proprjeta` imqabbla lilu . Billi din il-kamra hija proprju in kontestazzjoni, jehtieg li jgib il-quddiem provi sal-grad rikjest bil-Ligi biex isostni t-tezi tieghu.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti tikkonsidra determinanti ix-xhieda ta' **Osterius Aquilina**, r-rapprezentant tal-*Government Property Division*. Jirrizulta li l-art imqabbla lill-intimat u lil huh Loreto Abdilla kienet ipperveniet lill-Gvern mill-beni tal-Kurja b'effett tal-ftehim mas-Santa Sede. Ghaldaqstant il-Gvern huwa s-sid tal-artijiet imqabbla lill-intimat u lil huh. Il-Qorti tifhem li, f'tali cirkostanzi, l-konferma tas-sid kif hekk rapprezentat, li l-kamra in kwistjoni ghaddiet f'idejn il-Gvern kienet krucjali ghall-intimat.

Izda din il-prova hija mankanti ghal kollox. Anzi, mill-pjanta esebita minn **Osterius Aquilina** bhala **DOK X1 (fol 60)** ma hemmx dubbju li l-kamra in kwistjoni hija <u>il-barra</u> mill-art imqabbla lill-intimat. Dan gie kkonfermat minghajr ezitazzjoni mill-istess Osterius Aquilina li ghalkemm zied ighid li fuq il-kamra in kwistjoni jridu jsiru aktar verifiki mal-Kurja min-naha tad-Dipartiment, kkonferma li zgur li hi eskluza mill-art imqabbla mill-intimat.

Illi dan kollu hu konfortat mill-pjanti esebiti a fol 79 u 81 tal-process, li juru li l-kamra hija l-barra mid-delinejazzjoni tal-art imqabbla lill-intimat. Ghandu jigi precizat li l-pjanta

esebita a fol 81 giet esebita minn **Raymond Bonnici**, *Property Manager* tal-Kurja u hija il-pjanta mahruga mir-Registru tal-Artijiet dwar l-art in mertu. Meta ghalhekk wiehed iqabbel il-pjanta f'idejn il-Kurja u dik f'idejn il-Gvern, johrog car u inekwivoku li l-kamra mhix inkluza fil-porzjoni imqabbla lill-intimat.

Huwa minnu li l-intimat esebixxa pjanti *ex parte*, izda konfrontata bil-pjanti ufficjali hekk esebiti , din il-Qorti tikkonkludi li mill-assjem tal-provi, thares, minn fejn thares, l-intimat ma rnexxilux jipprova li ghandu titlu ta' qbiela fuq il-kamra u l-art li fuqha hija mibnija l-kamra li, anzi, jirrizultaw proprjeta' tar-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-komunikazzjoni tad-dawl f'din il-kamra, irrizulta mill-atti tal-kawza, u mix-xhieda prodotti, li fil-fatt kien l-intimat li applika ghall-elettriku f'din il-kamra u dan ad insaputa tar-rikorrenti. L-elettriku gie nstallat u jinsab registrat f' isem Paul Abdilla.

Illi gie spjegat mir-rapprezentant tal-Enemalta li fl-iprocessar ta' tali applikazzjoni, ma jidhlux fil-kwistjoni tat-titlu. Il-Qorti hija soddisfatta li dan sar ad insaputa tar-rikorrenti, u konsegwentement din il-Qorti qed tiddikjara dan l-agir inamissibbli u abbuziv.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tilqa' t-talbiet attrici filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-intimat bl-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi ladarba jirrizulta li l-intimat m’ghandux jedd ghall-art in kwistjoni tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

**Tordna** lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum, jitlaq ‘l barra mill-art u jnehhi l-komunikazzjoni tad-dawl li ghamel abbuzivament f’kamra li qieghda fil-bicca art f’ Bir Miftuh, limiti tal-Gudja, maghrufa bhala Tas-Salib.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta’ Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta’ Frar 2016**